MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2004/1

**It-Tabib Dr. John Cassar u martu Judith Cassar**

**vs**

**Tarciscio Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Mejju, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ta’ l-atturi permezz ta’ liema talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta’ elfejn mitejn sebgha u erbghin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm2247.74) rapprezentanti xoghol ta’ riparazzjoni u ridekorazzjoni li l-atturi kellhom jaghmlu fil-fond taghhom bhala rizultat ta’ hsara li rrizultat wara xoghol li ghamel il-

konvenut fil-fond taghhom skond ftehim milhuq bejn il-partijiet u skond dokumenti li gia gew komunikati lill-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 1998 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. fl-ewwel lok li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. fil-mertu u minghajr pregudizzju li ma hux minnu illi l-atturi sofrew xi hsarat li ghalihom ghandu jwiegeb l-eccipjenti. Anzi kienu l-istess atturi li kkagunaw danni sostanzjali lill-konvenut bl-agir abbusiv taghhom, b’mandati ta’ inibizzjoni ripetittivi li kollha gew michuda. Dwar dawn id-danni l-eccipjenti qed jirriservaw id-drittijiet kollha taghhom skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan il-gudikat ser jittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

*“l-azzjoni ghall-hlas ta’ hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sentejn*:

Issa l-atturi esperew din l-azzjoni sabiex il-konvenut ihallashom is-somma ta’ Lm2247.74 li huma jsostnu jirraprezentaw xoghol ta’ riparazzjonijiet u ridekorazzjoni li

huma htigielhom jaghmlu fil-fond taghhom konsegwenza ta’ hsarat lilhom hemm kkagunati minn xoghol li kien ghamel il-konvenut fil-fond tieghu.

Mill-provi in atti jirrizulta illi fis-sajf tas-sena 1997 fil-kors ta’ xoghol ta’ tqattiegh ta’ blat mill-konvenut fil-proprjeta’ tieghu huwa kkaguna xi hsarat fil-fond ta’ l-atturi li gew imfissra f’ittra tal-Perit J. P. Dimech bid-data tas-26 ta’ Ottubru 1997 (folio 17) sussegwenti ghall-ittra datata 11 ta’ Settembru 1997 fejn il-konvenut kien accetta u ntrabat li jaghmel tajjeb ghalihom. F’din l-ittra tieghu l-konvenut kien sahansitra stqarr li “kemm-il darba, anki minkejja li x-xoghol ikun sar kif previst mill-Perit Dimech, tigi kkagunata xi hsara lir-rikorrenti allura l-intimat Tarcisio Azzopardi jibqa’ responsabbli ghad-danni kollha konsegwentement sofferti [mill-atturi]”. Fit-2 ta’ Dicembru 1998 (folio 18) jirrizulta, anka ghaliex mhux kontestat, li l-atturi spedew ittra ufficjali lill-konvenut dwar x-xogholijiet ta’ tiswija fejn ddikjaraw ruhhom insodisfatti bix-xoghlijiet u wissewh li kienu ser jaghmlu ix-xoghlijiet huma stess u jazzjonawh ghall-ispejjez taghhom salv danni ulterjuri. Segwew din l-ittra ufficjali b’ittra mill-perit taghhom (folio 19) li fiha elenkaw kemm il-hsara u n-nuqqasijiet li gew ribaditi f’zewg ittri ohra mill-perit ta’ l-atturi (folio 24 u 22), datati 22 ta’ Settembru 1999 u 17 ta’ Lulju 2000 rispettivament, u b’ittra ufficjali datata 3 ta’ Gunju 1999 (folio 21). Jirrizulta, almenu mill-atti u l-provi, li l-atturi wara l-ahhar ittra tal-perit taghhom (dik tas-17 ta’ Lulju 2000) baqghu inattivi sakemm istitwew din il-kawza fil-25 ta’ Frar 2004 (jigifieri wara tlett snin u seba xhur cirka). Issa jidher, minn folio 33, li l-konvenut oppona l-pretensjonijiet avanzati mill-atturi b’ittra responsiva tal-istess xahar ta’ Gunju 1999 fejn stqarr li x-xoghol ta’ tiswija fil-fond tal-atturi kien gia ghamlu “a sodisfazzjoni tal-perit” ta’ l-atturi u wissihom li ma kellhomx “ jedd titolbu xoghlijiet ohra”. Imbaghad fil-kontro-ezami tieghu quddiem din il-Qorti l-konvenut rega’ irribadixxa din il-posizzjoni u zied jghid illi kull hsara sussegwenti ma setghetx kienet ikkagunata minn xoghol li kien ghamel fil-fond tieghu. Esebixxa wkoll pjanta li turi s-sit tal-fond tieghu kontrapost ma’ dak ta’ l-atturi.

Illi in tema ghas-suggett tal-preskrizzjoni eccepita, trattandosi ta’ danni akwiljani, jigifieri danni li jitnisslu minn delitti u kwazi-delitti, il-preskrizzjoni applikabbli hi dik bijennali taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, ossija dik eccepita, li, f’cirkostanzi tipici, tibda tiddekorri mill-jum li fih ikunu gew ikkagunati d-danni.  F’dan il-kaz mhux kontrastat li l-konvenut oltre li accetta li jesegwixxi x-xoghol intrabat li “kemm-il darba, anki minkejja li x-xoghol ikun sar kif prevvist mill-Perit Dimech, tigi kkagunata xi hsara lir-rikorrenti [l-atturi odjerni] l-intimat [konvenut odjern] jibqa’ responsabbli ghad-danni kollha konsegwentement sofferti mill-[atturi]”. Dan kien fil-11 ta’ Settembru 1997.  F’Gunju 1999 b’ittra ufficjali responsiva l-konvenut irrisponda li x-xoghlijiet kienu saru ghalhekk l-atturi ma kellhom ebda jedd jitolbu xoghlijiet ohra.  L-atturi hawnhekk jidher li baqghu  inattivi ghal oltre erba’ snin sakemm istitwew dawn il-proceduri fejn issa qeghdin jesigu l-hlas ta’ Lm2247.74 u mhux aktar it-twettiq tat-tiswijiet.  L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hi ghalhekk sostenibbli.

Ghaldaqstant qeghdha taqta’ u tiddeciedi billi qeghdha tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut a bazi tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, tiddikjara l-azzjoni attrici estinta stante l-preskrizzjoni, u konsegwentement qeghdha tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

L-ispejjez ghandhom ibatuhom l-atturi.”

L-appell ta' l-atturi kontra din is-sentenza hu koncepit kif gej:-

(1) La l-bazi ta' l-azzjoni taghhom hu fondat fuq rapport, it-terminu preskrittiv ma kienx dak sostenut mill-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 2153 izda, se mai, dak dettat fl-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

(2) F' kull kaz, sija jekk it-terminu kien wiehed bijennali jew kwinkwennali, dan gie interrot bl-ammissjoni tal-hlas da parte tal-konvenut;

In linea ta' introduzzjoni generali hi ligi li tiddefinixxi l-preskrizzjoni bhala mod ta' estinzjoni ta' l-azzjoni [Artikolu 2107 (2), Kapitolu 16]. Ir-ragunijiet suppliti mill-awturi u t-trattisti fuq is-suggett huma varji. Uhud jirrikonducu l-bazi taghhom ghall-idea ta' rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt; ohrajn, ghall-interess pubbliku li jrid li tkun eleminata l-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt. Hemm, imbaghad, dawk li japportaw l-preskrizzjoni ghal dik l-esigenza li tigi assikurata c-certezza fir-rapporti guridici;

Premessa din l-introduzzjoni, irid jinghad bi preliminari ghall-kwestjoni hawn involuta illi l-preskrizzjoni hi kombinata max-xorta tar-rapport guridiku instawrat. Hekk, ad ezempju, ghal dik li hi responsabilita` civili ghad-danni u l-preskrizzjoni abbinabbli s-sistema tal-ligi taghna tidher li tikkomprendi tliet xorti ta' danni, jigifieri (i) "dawk derivanti minn delitt veru u proprju (il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' l-azzjoni kriminali), (ii) dawk derivanti minn htija akwiljana (il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn), (iii) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (il-preskrizzjoni hi dik ta' hames snin)". (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 140**);

Irid jigi sottolinejat ukoll illi s-sistema tar-responsabilita` civili fl-ordinament guridiku taghna tippermetti li jigi individwat is-soggett li fuqu trid taqa' l-ispiza tad-dannu li jkun verifikat u stabbilit. Dan f' rabta max-xorta ta' l-interess li jkun gie vjolat jew ma' fatt jew sitwazzjoni ta' reponsabilita`; s' intendi, dejjem, fis-sussistenza ta' ness ta' kawzalita`. Hu proprju minn dan l-accertament tar-responsabilita` li jitwieled id-dritt ghar-rizarciment tad-dannu. Dan, f' dan il-kaz, ma jidherx li hu kontez. Il-vera kontestazzjoni tinsab fil-fatt illi mentri ghall-atturi appellanti r-responsabilita` tal-konvenut hi allaccjata ma' relazzjoni kontrattwali, skond il-konvenut dik ir-responsabilita tieghu ma tistax hlief tkun wahda akwiljana. F' kull kaz, u *pro tanto*, "*non puo un vicino esimersi dallo obbligo di*

*rimuovere la causa dei danni che soffrisse l' altro vicino nel proprio fondo*". (**Kollez. Vol. III pagna 16**). Dan s' intendi jibqa' hekk il-kaz jekk jinstab li l-preskrizzjoni eccepita ma ghandha ebda fondament;

Issa f' dan il-kaz il-konvenut jiddefendi ruhu kontra t-talba ghad-danni proposta mill-atturi billi jgib 'il quddiem l-estinzjoni ta' l-azzjoni a norma ta' l-Artikolu 2153 Kodici Civili. Kif gja rilevat l-appellanti jsostnu li din il-preskrizzjoni opposta mhix applikabbli. Dan ghal motiv illi, skond huma, kien hemm "ftehim milhuq bejn il-partijiet". Dawn it-tezijiet konfliggenti jgibu 'l quddiem d-distinzjoni fondamentali, rikonoxxuta wkoll mill-gurisprudenza taghna, bejn "*damnum ex-delictu*" u "*damnum ex-contractu*";

Jinghad a propozitu fis-sentenza riportata a **Vol. XIX P III p 106** illi "*trattandosi di un' azione per danni derivanti dall' inadempimento di una obbligazione contrattuale, non è applicabile la disposizione dell' articolo 1917 dell' Ordinanza VII del 1868, che e` applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale ovvero Aquiliana, ma e` invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto.*" Fl-istess sens huma d-decizjonijiet a **Vol. XXVI P I p 54, Vol. XXIX P I p 1340** u "**George Cortis -vs- Emmanuel Chetcuti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' April 1992;

Fil-kaz prezenti l-atturi jaffermaw li l-htija tal-konvenut hi wahda kontrattwali ghall-fatt li, bl-ittra tal-11 ta' Settembru 1997, il-konvenut obbliga ruhu li anke minkejja li x-xoghol ikun sar kif prevvist mill-Perit Dimech fil-kaz li tigi kagonata hsara hu jibqa' responsabbli ghad-danni kollha. Fil-hsieb tal-Qorti ghall-interpretazzjoni korretta ta' din id-dikjarazzjoni wiehed ghandu b' necessita` logika japporta ruhu ghall-antecedenti taghha;

Irrizulta li l-konvenut ghamel xoghlijiet ta' skavar fi plot tieghu dwar liema l-atturi lmentaw li b' rizultat sofrew hsarat fil-fond proprju. Inhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut li wassal ghad-dikjarazzjoni kontenuta fl-ittra precitata. Il-konvenut ghamel x-xoghlijiet rimedjali okkorrenti pero` l-atturi ssoktaw jillanjaw li kien ghad hemm hsarat ohra x' jigu riparati. Il-konvenut ma accettax din l-imputazzjoni ghax fi kliemu stess sostna "li dawk id-danni ma kienux kagun ta' xoghol li sar minna" (fol. 45) u, f' kull kaz, la l-perit ta' l-atturi ma kienx indikahomlu qabel fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet riparatrici, deherlu li ma kellux jaghmilhom u li l-atturi ma kellhomx jedd jesigu xoghlijiet ohra minghandu. Ara wkoll ittra ufficcjali responsiva tieghu a fol. 33;

Minn dawn il-fatti u dawk l-ohra attendibbli fil-process hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-presuppost tal-gudizzju taghha tar-responsabilita` hu rapprezentat mill-illecitu li *ex nunc* tnissel mix-xoghlijiet ta' skavar. Dan, ghal din il-Qorti, jirrivesti bhala "kawza" htija aquiliana (**Kollez.vol. XXXIII P II p 379**) u ma ghandu ebda rabta ma' xi obbligazzjoni kontrattwali. Dik id-dikjarazzjoni tal-konvenut fuq riportata timplika rikonoxximent tal-htija kolpuza tieghu u mhux biex ikkreja rapport gdid ta' indoli kuntrattwali. Jekk xejn, tali rikonoxximent serva biex interrompa l-preskrizzjoni li kienet miexja. Dejjem pero` in rapport ma' l-att quasi-delittwuz antecedenti tal-konvenut li gab l-event dannuz. Dan bl-istess mod li servew bhala atti interruttivi l-ittri ufficjali ta' l-atturi spediti fit-2 ta' Dicembru 1998 (fol. 18) u 3 ta' Gunju 1999 (fol. 21);

Minn dan jitnissel illi s-sentenza appellata hi wahda guridikament korretta fl-aspetti kollha taghha u li allura l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut hi dik applikabbli ghall-obbligazzjoni li l-atturi ttantaw jikkanonizzaw f' din il-kawza. L-appellanti ma rnexxielhomx jiddemostraw l-inammissibilita` tal-preskrizzjoni sollevata, kif lanqas ma rnexxielhom jipprovaw l-interruzzjoni taghha bejn id-data ta' l-ahhar imsemmija ittra ufficcjali (3 ta' Gunju 1999) u l-prezentata ta' l-azzjoni (25 ta' Frar 2004). Zgur,

imbaghad, minn ebda ammissjoni ta' xi hlas mill-konvenut appellat. Ghall-kuntrarju, ir-rizultanzi istruttorji, u in partikolari, ix-xhieda tal-konvenut u l-atteggjament assunt minnu, kemm qabel, kif ukoll fil-kors tal-proceduri, jiddemostra li l-kuntrarju hu l-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell fil-kapi devoluti lilha u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez relattivi ta' din l-istanza jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------